

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12707/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0235 (COD)

PECHE 256
CADREFIN 188
FIN 1065
CODEC 1251

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	11757/25 + COR 1 + COR 2 REV 1
Suġġett:	L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin mill-2028 sal-2034¹, kif ukoll diversi proposti relatati. Dawn ġew issupplimentati mit-tieni pakkett ta' proposti adottat fit-3 ta' Settembru.
2. Il-QFP propost għandu differenzi sinifikanti mill-qafas attwali. Għall-finanzjament futur tal-Unjoni, huwa maħsub li sett ta' għodod waħdieni u inqas fondi jissostitwixxu l-għadd kbir ta' regolamenti u programmi attwali. Skont il-proposta, l-appoġġ jaqa' taħt tliet oqsma sostantivi kbar: (1) Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura, u prosperità u sigurtà rurali u marittimi; (2) Kompetittività, prosperità u sigurtà; u (3) Ewropa Globali.
3. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, huwa previst li l-appoġġ għas-sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani, u għall-politika tal-akkwakultura u marittima jiġi pprovdut fi ħdan il-Fond Ewropew għal

¹ST 11691/25 + ADD 1.

koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà², bħala parti mill-Pjanijiet tas-Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PNR). Fil-proposta speċifika għas-settur dwar il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali³, hemm stipulati regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

4. Diversi korpi preparatorji tal-Kunsill bdew jeżaminaw il-proposti li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd beda bl-eżami tal-proposta speċifika għas-settur dwar il-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-Politika Komuni tas-Sajd u setturi relatati, minbarra d-dispożizzjonijiet trattati direttament mill-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP. Is-sottogrupp tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP li jittratta l-Pjanijiet tal-PNR ser jeżamina d-dispożizzjonijiet relatati mas-sajd li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu.
5. Il-Kunsill huwa mitlub jorganizza dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta speċifika għas-settur, u b'hekk jagħti gwida biex l-eżami tal-proposta jkompli fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill.

²ST 11815/25 REV 1 + ADD 1 + ADD 2 + COR 1.

³ST 11757/25 + COR 1 + COR 2 REV 1.